## Deskrizzjoni fuq xi ħadd li joqgħod fit-triq tiegħek

Kull meta nixref barra fit-triq fejn noqgħod, ikun xħin ikun Ġanni l-Kaptan dejjem narah mixħut bilqiegħda fuq l-għatba tad-dar tiegħu b'biċċa kartuna taħtu biex itaffi l-kesħa.

Mal-ewwel daqqa t'għajn, Ġanni ma tantx itik impressjoni tajba. Wiċċu mkemmex, mgħotti b'leħja twila bajdanija u b'ġilda tant samranija illi kieku mhux għax kont nafu kont naħseb li mhux Malti. Dwar xagħru ma nistax nitkellem għax qatt ma rajtu mingħajr dik il-beritta li xi darba kienet bluna, u li naħseb jinżagħha biss biex jorqod. Il-ħwejjeġ ta' fuqu wkoll ma tantx ivarjaw. Dejjem b'xi qmis tal-flanella u xi qalziet imraqqa'. Però Ġanni għandu par għajnejn blu u sbieħ u li tgħidx kemm ileqqu meta xi ħadd bħali jieqaf jgħid kelma miegħu. Dejjem ixejjirli bi tbissima fuq fommu.



Ġanni bniedem solitarju u jqatta' ħafna ħin waħdu imma mhux dejjem kien hekk. Fi żmienu Ġanni kien kaptan. Ivvjaġġa f'ħafna pajjizi madwar id-dinja u fid-dar tiegħu għandu ħafna rikordji li ġab miegħu mill-postijiet li żar. Meta rtira, reġa' ġie jgħix Malta u flimkien mal-mara kien iħobb isiefer ħafna biex iżur lit-tfal tiegħu li joqogħdu l-Amerka. Minn meta mietet il-mara tiegħu, Ġanni nbidel mil-lejl għan-nhar. Bħal qisu xjaħ f'daqqa. Ma baqa' jmur imkien ħlief sal-knisja u sal-ħanut.

Ġanni bniedem kalm u għandu paċenzja kbira. Iħobb ħafna jirrakkonta xi esperjenza mill-vjaġġi tiegħu. Kull meta jieqaf xi ħadd fit-triq ibqa' ċert li qabel jitlaq, Ġanni ħa jkun qallu xi rakkont jew xi ċajta. Huwa wkoll ġeneruż ħafna u mill-flus li qala' matul ħajtu jgħin ħafna għaqdiet mill-parroċċa. Għalkemm għandu bixra ta' bniedem kuraġġjuż, Ġanni huwa wkoll sentimentali ħafna. Tgħidx kemm beka meta mort ħdejh u għamilna kollegament permezz ta' 'messenger' u seta' jara lil uliedu u t-tfal tagħhom! Minn dakinhar għallimtu jużah u beda jċemplilhom kuljum. Il-karattru ta' Ġanni l-Kaptan jgħallimni li m'għandix niġġudika bniedem fuq kif jidher jew jilbes għax wara kull persuna hemm storja li ma nkunux nafuha.

*Lea Attard*